**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBATAX**

**25 ta' MEJJU, 2016**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur David Abdilla.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier Dr Jean Pierre Attard informa lill-Kunsill li ma setgħax jattendi minħabba xogħol u l-Kunsillier is-Sur Dino Bonnici kien informa lill-Kunsill sa minn xahar ilu li ma kienx jista jattendi minħabba li qed jattendi kors kull nhar ta' Erbgħa. **Dok 1 mehmuż**

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **14.1** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 14.1.1 | | Fir-rigward ta' punt 13.1.1 għall-attivita' tat-tajr, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill xtara l-ħajt/spag li kien hemm bżonn għall-attivita.<br><br>Il-Viċi Sindku Rita Grima, nfurmat li hi flimkien ma' Fr Martin Micallef (Direttur tad-Dar tal-Providenza) u l-Arċipriet taż-Żurrieq Dun Karm Mercieca kienu mistiedna għal-laqgħa tal-kumitat tal-attivita' tat-tajr u |

| | | |
|---|---|---|
| | | ġew mistoqsija jekk il-Kunsill jistax jiprovdi l-ħlas tas-servizz ta' First Aiders u għall-permessi tal-pulizija.<br><br>Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ma jistax jagħti tali għajnuna.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillier Joseph D'Amato rrimarka li saħħa, li kien hu l-uniku kunsillier li ħa l-inizjattiva li jagħti l-għajnuna tiegħu biex jattendi għal-laqgħat ta' dan is-sotto kumitat, bħala rappreżentant tal-Kunsill, kellu jkun infurmat u mistieden biex jattendi l-laqgħa li ssemmiet.<br><br>Il-Kunsillier Pierre Farrugia qabel mal-Kunsillier Joseph D'Amato u qal li bħala rappreżentant tal-Kunsill, Joseph D'Amato kellu jkun avviċinat. Hu żied jgħid li l-Kunsill m'għandux ikun biex ħaddieħor jirkeb fuqu biss u bħala prudenza l-kumitat setgħa informa lill-Kunsillier Joseph D'Amato bil-laqgħa li saret. |
| | | |
| 14.1.7 | | Ġew approvati l-minuti tat-tlettax–il seduta. |
| ***14.2*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA, KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ, ĠIEH IŻ-ŻURRIEQ U TAS-SOTTO KUMITAT ANZJANI U TAS-SOTTO KUMITAT KULTURA U TURIŻMU*** |
| | | |
| 14.2.1 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li f'isem il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, jħossu ddispjaċut li kien ġie mwiegħed li qabel l-attivita' tat-Tieġ Malti, kellhom jitħawlu fjuri fis-central strips, ġonna u roundabouts f'Bubaqra, u dawn ma sarux, jew fi kliem il-kuntrattur saru imma jridu ż-żmien biex jifjorixxu. Hu qal li kuntratturi oħra jħawlu pjanti bil-fjuri u mhux żerriegħa jew xtieli li l-fjuri tagħhom ikunu għadhom iridu jikbru. Il-Kunsillier Pierre Farrugia rrimarka ukoll li ma tagħmilx sens li għall-ilmenti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, jkun ikkupjat is-Sindku u jiġi njorat l-istess Kumitat li jkun irid is-servizz u li tali servizz qed ikun imħallas mill-istess Kumitat Amministrattiv.<br>Il-Kunsillier Pierre Farrugia wera' ritratt ta' soft area f'Bubaqra li kull ma tidher fiha, hi xitla żgħira ħadra mingħajr fjuri. Hu żied jgħid li tali xitla wara tliet ijiem tinsab maħruqa bix-xemx u mingħajr ilma.<br><br>Kien hemm qbil mad-deċiżjoni tal-Kumitat Amministrattiv u li ssir laqgħa bejn il-Kunsillier inkarigat mill-ġonna u soft areas fiż-Żurrieq, iċ-Chairperson ta' Bubaqra, il-contract's manager u l-kuntrattur Callus Landscaping Ltd. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 14.2.1 | | Ġew approvati l-minuti numru 24, tas-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li saret il-bieraħ 24 ta' Mejju, 2016. |
| | | |
| 14.2.2 | | Minuti tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ ma kienx hemm. |
| | | |
| | | |
| ***14.3*** | | ***APPROVAZZJONI tal-minuti tar-Reġjun Nofsinhar u Gal Xlokk*** |
| | | |
| 14.3.1 | | Is-Sindku qal li hu u l-Viċi Sindku attendew għall-assemblea ġenerali tar-Reġjun Nofsinhar. F'din l-assemblea s-Sorijiet tan-Nigret ġew preżentati b'cheque ta' €300, bħala donazzjoni u ż-żewġ għaqdiet tan-nar tar-raħal, kienu mistiedna biex jattendu, sabiex jingħataw cheque u ċertifikat, imma minħabba li ħadd minnhom ma attenda, s-Sindku u l-Viċi Sindku rrappreżentaw liż-żewġ għaqdiet u telgħu huma jieħdu ċ-cheque u ċ-ċertifikat. |
| | | |
| 14.3.2 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat lill-Kunsill li l-attivita' għall-persuni b'diżabilita li saret fit-30 ta' April, 2016, kienet suċċess u min attenda ħa gost.<br><br>Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar numru 33 u tal-Gal Xlokk numru 69. |
| | | |
| | | |
| ***14.4*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 14.4.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq ittra riċevuta mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM, fejn talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jitpoġġa container fi Vjal il-Blue grotto k/m Triq il-Qrendi tul il-jiem tal-festa. Tali container ser ikun fih biss ħadid tan-nar tal-art. Intalbu ukoll li jsiru l-istess arranġament li saru fi snin preċedenti.<br><br>Kien hemm qbil fuq dawn it-talbiet. |
| | | |
| 14.4.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' resident li ġie joqgħod f'dar antika fi Triq il-Kunċizzjoni, fejn qed jitlob li ssirlu bollard mal-kantuniera tal-faċċata tar-residenza tiegħu biex jiġu evitati ħsarat mill-vetturi li jagħddu minn hemm.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jordna x-xogħol meħtieġ. |
| | | |
| 14.4.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li waqt laqgħa li kellha mal-LESA, ġew diskussi l-ECO |

| | | |
|---|---|---|
| | | wardens. Il-Kunsill ġie mitlub li jagħti postijiet b'ħinijiet speċifiċi fejn ikollu bżonn dan is-servizz. Dan is-servizz jista jingħata 24/7 minn wardens pajżana u jħarrek kontravenzjonijiet li jikkonċernaw l-ambjent biss. (ez. Ħruġ ta' skart f'ħinijiet mhux permessi, ħmieġ tal-klieb etc.). Il-ħlas ta' dawn il-wardens hu ta' €40 –is siegħa u l-anqas li jista jaħdem huma tliet siegħat. Tali fondi jistgħu jiġu mitluba lura mir-Reġjun Nofsinhar biex jgħin finanzjarjament.<br><br>Kien hemm qbil li jingħataw xi postijiet fejn l-aktar li l-Kunsill għandu ilmenti fosthom:<br>Wara ċ-ċimiterju, Triq Dun Gejt Muscat, Triq il-Karmnu, Triq il-Ġilju u Triq Leli Camilleri.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato f'dan il-punt reġa qajjem il-punt, li għalkemm hu kien l-ewwel wieħed li kien favur il-wardens, issa jħoss li hu, flimkien mar-residenti kollha ta' wara l-mina ta' Hal Kirkop, huma diskriminati minn mal-kumplament tar-residenti l-oħra ta' Malta. Dan għaliex il-wardens ikunu biss wara l-mina ta' Hal Kirkop u qatt ma tarhom ħdejn mini oħra ta' Malta. Dawn baqgħu jkunu hemm darbtejn kuljum għalkemm saru diversi rapproti.<br><br>F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Kenneth Farrugia (18:40) |
| | | |
| 14.4.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposta mill-Kumpanija TCTC fejn bħal snin preċedenti offrew li jagħtu korsijiet għat-tfal. Tali kors jiġi jiswa lill-Kunsill €1150 għal 80 student. **Dok 2 mehmuż**<br>Kien hemm qbil fuq il-kuntratt preżentat u bil-kundizzjoni li l-istudenti barra l-ħlas tan-noti tal-kors, iħallsu ukoll €5 għas-servizz tal-Kunsill.<br>. |
| | | |
| 14.4.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ittra mill-Guy Boċċi Club fejn staqsew jekk il-Kunsill kienx lest li jorganizza l-kompetizzjoni tal-boċċi fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 14.4.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ismijiet ta' dawk li applikaw għall-gabbani. Hi nfurmat li kull min applika, minbarra 4, kien skont il-liġi jew irregolarizza ruħu.<br><br>Infurmat li persuna riedet li titrasferixxi l-posta tagħha lil persuna oħra. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Dawk il-postijiet vakanti ser ikunu mimlija f'seduta oħra, minn applikanti ġodda, meta tittella l-polza. |
| | | |
| 14.4.7 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-quotations li nġabru fuq playing equipment għal art fi Triq Fra Gan Marie Zammit. Il-Kunsill qabel mad-deċiżjoni li ħa l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra. |
| | | |
| 14.4.8 | | F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford ridet tressaq punt biex tissalvagwardja l-pożizzjoni tagħha fil-Kunsill. Hi ddikjarat li ma tafx x'hinu l-kontenut tal-attivitajiet li qed jagħmel il-Kunsill minn xahar għal xahar, minħabba li ilha żmien ma tieħu ħsiebhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk f'dawn l-attivitajiet qed isiru xi rregolaritajiet, mhux ser iżżomm lilha nnifisa responsabbli għalihom.<br><br>F'dan il-ħin is-Sindku ġibed l-attenzjoni ta' dawk preżenti, li jekk l-ativitajiet ma jinvolvux tombla, r-residenti ma jattendux. Il-Kunsilliera David Abdilla u Kenneth Farrugia qalu li ma jsibux oġġezzjoni li ssir it-tombla. Filwaqt li l-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat li qed tipprova ġġib il-permess biex it-tombla tkun irregolarizzata.<br><br>F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ġibdet l-attenzjoni li mhux permess li Kunsill Lokali jorganizza tombla. |
| | | |
| ***14.5*** | | ***Management Letter*** |
| | | |
| 14.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-management letter mibgħuta mill-Awdituri u d-draft tar-risposta li saret bl-għajnuna tal-accountant tal-Kunsill. Dawn ġew approvati biex jintbagħtu. |
| | | |
| | | |
| ***14.6*** | | ***Ilment minn residenta fi Triq San Luqa (kienet preżenti għas-seduta flimkien mal-avukat tagħha.)*** |
| | | |
| 14.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li qabel ma inbiegħet ir-residenza 19, fi Triq San Luqa lill-persuna preżenti, ħadd ma kien jipparkja quddiemha għaliex kien ikun qed jostakola l-garaxx ta' faċċata minħabba li t-triq hi dejqa wisq biex ikun hemm parkeġġ.<br>Żmien ilu l-Kunsill mingħajr il-permessi ta' TM kien għamel double yellow lines biex ma jkunx ostakolat garaxx faċċata ta' dar 19 u meta s-Sinjura preżenti kienet irrappurtat li tali linji saru mingħajr permess, il- |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kunsill ta' din il-leġislatura neħħa tali linji. Ir-residenti li l-garaxx tagħhom kien qed ikun ostakolat għamlu talba formali biex tali linji jerġgħu jsiru u din id-darba l-Kunsill talab l-approvazzjoni ta' TM u dawn ġew approvati li jsiru. |
| | | |
| | | |
| 14.6.2 | | Wara diskussjoni mal-avukat tar-residenta preżenti fis-seduta, kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-Kunsill jitlob il-permess ta' Transport Malta biex il-faċċata kollha tan-naħa tal-lemin, ta' Triq San Luqa, int u tiela minn Triq il-Kbira għal Triq Bur Langasa, issir kollha 'no parking'. |
| | | |
| ***14.7*** | | ***Ċittadin Ewlieni/Ġieħ iż-Żurrieq/Rikonoxximent*** |
| | | |
| 14.7.1 | | Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Pierre Farrugia biex jitkellem fuq l-attivita'.<br><br>Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li għal din is-sena l-attivitajiet ta' Jum iż-Żurrieq ser isiru fl-ewwel ta' Ġunju, 2016, fid-Day Centre, mis-19:30 'l quddiem - fejn ser jingħataw il-premijiet – Ċittadin Ewlieni u Ġieħ iż-Żurrieq u rikonoxximenti oħra. Għal din l-attivita' ser ikunu qed jagħmlu marċ l-iscouts taż-Żurrieq minflok waħda mill-baned tal-lokal minħabba l-ispejjeż kbar li kienu qed jiswew u minħabba li l-marċ li kien qed isir, kien qed ikun sfurzat u ma jkunx hemm attendenza mir-residenti.<br><br>Hu qara l-ittra li kienet iffirmata mill-membri tas-sotto kumitat Ċittadin Ewlieni, fejn issemmiet il-persuna li l-kumitat qabel li għandha tieħu dan il-ġieħ. Il-Kunsill qabel unanimament mad-deċiżjoni tal-Kumitat. |
| | | |
| ***14.8*** | | ***Festa Ħut*** |
| | | |
| 14.8.1 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li qed isiru l-aħħar preparamenti fuq Festa Ħut. Nhar il-Ħamis 2 ta' Ġunju ser issir laqgħa ma dawk li ser jarmaw l-istands u l-għada 3 ta' Ġunju ser issir konferenza stampa.<br><br>Il-Kunsilliera Tiffany Ann Farrugia u David Abdilla, nfurmaw li minħabba l-eżamijiet u safar, rispettivament mhux ser ikunu jistgħu jagħtu l-għajnuna tagħhom f'din l-attivita. |
| | | |
| ***14.9*** | | ***Approvazzjoni:Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 14.9.1 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ressqet ilment minn resident fi Triq il-Kbira, li quddiemu joqgħod ħafna ilma. Kien hemm qbil li ssir works order biex tiġi |

| | | |
|---|---|---|
| | | rranġata s-sitwazzjoni. |
| | | |
| 14.9.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hemm bżonn li jinqata l-ħaxix minn Sqaq Osswarju. Kien hemm qbil li jsir x-xogħol. |
| | | |
| 14.9.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia rrimarka li jħossu ddispjaċut li fil-Kunsill News, ir-writeup tiegħu tpoġġa fl-aħħar paġna, saħansitra wara r-writeup tal-Kunsill taż-Żgħażagħ.<br>Is-Sindku infurmah li dan kien bi żvista min-naħa tiegħu, għax il-Kunsill News jieħu ħsiebu hu. |
| | | |
| 14.9.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato nforma li hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix minn Triq Dun Gejt Muscat. Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol meħtieġ. |
| | | |
| ***14.10*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 14.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 3** għall-ammont totali ta' **€86,510.90.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Ignatius Farrugia, mill-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia. |
| | | |
| ***14.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 14.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-20:20. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 22ta' Ġunju, 2016 fis-6.00ta' filgħaxija. |
| | | |

Konfermati, illum _22_ ta' Ġunju, 2016.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |